MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# TWISSIJA MILL-MFSA

Forex Worldwide Ltd u ToroPROfit (www.toroprofit.com)

L-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji ("MFSA") tinsab infurmata b'informazzjoni inkorretta fuq l-internet li torbot liż-żewġ entitajiet imsemmija hawn fuq ma' Malta.

L-MFSA tixtieq tiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku, f'Malta u barra, li **Forex Worldwide Ltd u ToroPROfit** (www.toroprofit.com) mhumiex kumpaniji reġistrati f'Malta u mhumiex awtorizzati jew liċenzjati mill-MFSA biex jipprovdu xi tip ta' servizz finanzjarju li jeħtieġ awtorizzazzjoni jew liċenzja fit-termini tal-liġi. Għaldaqstant, l-MFSA twissi lill-pubbliku biex joqgħod attent ħafna meta jirrelata ma' dawn l-entitajiet.

L-MFSA tixtieq tfakkar lill-investituri u l-konsumaturi ta' servizzi finanzjarji biex ma jidħlu f'ebda transazzjoni ta' servizzi finanzjarji sakemm ma jkunux aċċertaw li l-entità li magħha qed isir it-transazzjoni għandha liċenzja biex tipprovdi tali servizzi mill-MFSA jew minn xi regolatur ieħor tas-servizzi finanzjarji ta' reputazzjoni tajba.

Lista ta' entitajiet liċenzjati mill-MFSA hija disponibbli mingħand l-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji, b'aċċess minn: www.mfsa.com.mt.

**Taqsima tal-Komunikazzjoni**
**Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji**
**Twissija MFSA: 14-2013**
**5 ta' Diċembru, 2013**